MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Numru. 13/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Clyde Bonavia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Clyde Bonavia ta’ 21 sena, bin Anthony u Emmanuela nee’ Brincat, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Awwissu, 1984, prezentament detenut fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, Rahal Gdid u kien joqghod fil-fond numru: Nru 10, ‘Fuq Verdala’, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0410684(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fi Triq Haz-Zabbar, gewwa l-Fgura, nhar it-18 ta' April, 2005 ghall-habta ta' l-10.20 ta' filghaxija, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Emmanuel Cassar minn Haz-Zabbar f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, kif ccertifikat minn Dr. Josianne Sammut M.D. (Warrant Mediku Nru. 2329) it-tabib tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita ggiblu mankament jew sfreggju fil-wicc bi ksur ta' l-artikli 216 (1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi.

Clyde Bonavia kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mid-9 ta' Lulju, 2003.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Jannar, 2006 (esebit *a folio* 17 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta' April, 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;
Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fit-18 ta' April 2005 fuq karozza tal-linja li kienet telqet mill-Belt u kienet sejra l-Isla fejn inqala' argument bejn l-imputat li kien passiggier fuq l-imsemmija karozza tal-linja u s-sewwieq tal-istess karozza tal-linja certu Emanuel Cassar. L-argument li nqala' bejn l-imputat u s-sewwieq kien

jirrigwarda r-rotta li kellha tghaddi minnha tal-linja ghaliex l-imputat ried li s-sewwieq jghaddi minn Ghajn Dwieli filwaqt li l-istess sewwieq kien ser jghaddi mill-Fgura. Inqalghat glieda bejn l-imputat u Emanuel Cassar u dan tal-ahhar spicca sofra griehi li fiz-zmien tal-incident gew klassifikati bhala ta natura gravi. Skond ic-certifikat inserit a fol. 18 tal-process Emanuel Cassar kellu lacerazzjoni ta' zewg entimetre fuq l-ghajn tax-xellug fejn sarulu zewg punti, dbengila fuq l-ghajn ix-xellugija u girfa fuq l-ghonq man-naha tax-xellug. Emanuel Cassar li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta' April 2008 spjega li dakinhar tal-incident meta huwa kien wasal Rahal il-Gdid u kien hdejn l-Ghassa l-imputat kien staqsih jekk kienx ser jghaddi minn Ghajn Dwieli u meta huwa rrisponda li kien ser jghaddi mill-Fgura l-imputat qallu sabiex ma jghaddiex minn hemm ghaliex ma kienx hemm nies fuq l-istage u ghalhekk l-anqas kien jaqbillu idur id-dawra kollha. Cassar jghid li huwa mbaghad hass daqqa ta' ponn u sab lill-imputat ezatt warajh, huwa ghafas il-brejk, waqqaf il-vettura u mbaghad nizel mix-xarabank u ddefenda lilu nifsu ghaliex l-imputat kompla jsawtu. Cassar spjega li fi ftit minuti waslu l-Pulizija fuq il-post u l-imputat ittiehed mill-Pulizija u wara mar il-policlinic ghall-kura fejn sarulu zewg punti. Emanuel Cassar spjega li sussegwentement huwa kien iltaqa' mal-imputat u wara li tkellmu u l-imputat skuza ruhu huwa kien hafirlu ghal dak li gara u kien ghalhekk qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda fit-30 ta' Dicembru 2005 kien irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 19 sa 21 tal-process) fejn huwa ikkonferma li kien involut fi glieda ma Emanuel Cassar izda indika li r-rotta li ried jiehu Cassar kienet li jghaddi minn Ghajn Dwieli u kien hu li ried jghaddi mill-Fgura. Huwa qal li spicca fi glieda ma Emanuel Cassar minhabba din ir-raguni u sostna li kienu daru ghalih kemm Emanuel Cassar kif ukoll huh li gie fuq il-post ftit minuti wara.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi li jgibu sfregju jew mankament fil-wicc u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. F'dawn il-proceduri gie nominat bhala espert mediku Dr. Mario Scerri sabiex jezamina lil Emanuel Cassar u jirrelata dwar il-griehi sofferti minnu fl-incident mertu tal-kawza de quo. Mir-rapport inserit a fol. 100 et sequitur tal-process jirrizulta li l-espert mediku ezamina lil Cassar fl-14 ta' Ottubru 2010 fejn ikkonkluda is-segwenti;-

1. "Illi c-cikatrici deskritta fuq l-aspett laterali ta' l-ghajn ix-xellugija kienet rizultat ta' lacerazzjoni kagunata minn *blunt trauma* u hija cikatrici li ma tidhirx minn *talking distance*."

Illi d-Difiza issostni li una volta li c-cikatrici fuq ghajn ix-xellugija ta' Emanuel Cassar ma tidhirx minn talking distance kif iccertifika l-espert mediku mahtur mill-Qorti il-griehi m'ghandhomx jigu meqjusa aktar bhala ta' natura gravi u una volta li l-parti civili Emanuel Cassar irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat ghandhom jiskattaw il-provvedimenti tal-Artikolu 221 (4) stante li l-griehi ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala ta' natura hafifa u l-procediment ghandu jigi dikjarat bhala ezawrit.

Illi l-Qorti jidrilha li una volta li c-cikatrici in kwistjoni ma tidhirx minn talking distance ma jistghax jitqies li l-griehi sofferti minn Cassar jammontaw ghal sfreggju jew mankament fil-wicc kif indikat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali u wara li l-Qorti qieset li mix-xhieda tal-istess parti civili jirrizulta li wara li huwa mar jiddewwa daknhar stess tal-incident fejn sarulu zewg punti huwa ma hax aktar kura ghall-griehi minnu sofferti u l-ghada mar lura ghax-xoghol, jidrilha li l-griehi kagunati mill-imputat ghandhom jigu kkunsidrati bhala ta' natura hafifa u una volta li dawn il-griehi gew kagunati minn daqqa ta' ponn u una volta li l-istess griehi ma gewx kagunati fuq wahda mill-persuni ndikati fl-Artikolu 222(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali u una volta li l-parti leza rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat, il-procediment ser jigi dikjarat bhala ezawrit. In vista tal-fatt li l-procediment qed jigi dikjarat bhala ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel

akkuza u ghalhekk mhux qed tinstab htija il-Qorti sejra wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni(2) u tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u stante r-rinunzja da parti tal-parti civili Emanuel Cassar ghal-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------